MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 2206/2003/1

**Casapinta Design Group Ltd**

**vs**

**Dr. Tonio Azzopardi nominat b' digriet tal-21 ta' Novembru 2003 bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefer Giovanni Scattoreggia ghan-nom tas-socjeta` estera UNIBIT Consortium**

**Il-Qorti,**

Il-gudizzju li ser isegwi huwa l-konsegwenza tad-decizjoni ta' din il-Qorti tal-20 ta' April 2005 li permezz taghha kienet hemm annullat is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar u bl-operat tas-subinciz (4) ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380 ghaddiet 'il quddiem ghar-rakkoljiment tal-provi u issa tad-definizzjoni tal-meritu;

Il-fatti, kif rakkontati mix-xhud ewlieni Tonio Casapinta ghas-socjeta` attrici, huma fil-qosor is-segwenti:-

(1) Is-socjeta` Casapinta Design Group Limited giet kommissjonata minn certu Giovanni Scattareggia f' isem l-Unibit Consortium ta' Sqallija biex din tiehu hsieb id-dekorazzjoni tal-paviljun Taljan ghall-esebizzjoni tal-prodotti tal-Consortium fil-Fiera Internazzjonali ta' l-2002;

(2) Dan ix-xoghol gie kompjut mis-socjeta` attrici pero` l-hlas baqa' ma sarx;

(3) Mill-fax tal-5 ta' Lulju 2002 (fol. 39) jirrizulta li l-imsemmi Scattareggia oltre li ghadda xi kummenti dwar is-servizzi prestati mis-socjeta` attrici pprometta li l-Consortium kien ser jghaddi ghall-hlas meta tigi rinvjata lilu l-fattura. Ix-xhud imsemmi jghid li din intbaghtet pero` l-pagament xorta wahda ma giex effettwat;

Fermi dawn il-fatti, naturalment il-Qorti mhix mghejjuna mill-fatt illi hadd mill-Consortium ma xehed, u lanqas ipproduca ebda spjega bil-miktub nonostante l-komuniki li sarulha mill-kuratur nominat biex jirrapprezentaha fil-procedura (ara dokument a fol. 50). Logikament, billi d-decizjoni trid, tajjeb jew hazin, tinghata l-Qorti jkollha taghmel il-valutazzjoni taghha tar-rizultanzi probatorji in atti bhala bazi tal-konvinciment taghha, u fuq din il-valutazzjoni tirpoza l-motivazzjoni u konkluzjoni taghha;

M' hemmx kwestjoni illi fuq il-provi akkwiziti l-kuntrattazzjoni bejn il-partijiet tirrientra fil-qafas tad-definizzjoni li l-Kodici Civili fl-Artikolu 1623 jaghti lill-ftehim ta' kiri ta' xoghol u industrija. Jigifieri, dak il-kuntratt "li bih wahda mill-partijiet tintrabat li taghmel xi haga ghall-parti l-ohra, bi hlas li din tintrabat li taghtiha". Minn dan jitnissel illi kuntratt bhal dan hu wiehed ta' prestazzjoni "*di fare*" u meta din tkun adempita, s' intendi skond il-mudell ta' dik id-diligenza tal-*bonus paterfamilias* li jippreciza l-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili, titqies sufficcjenti biex tissodisfa l-esigenza ta' l-interess kreditorju f' min jesegwiha. "*Chi*

*presta la propria opera sotto qualunque forma a vantaggio di altri deve essere retribuito a meno che risulta la gratuita della prestazione, ossia l' intenzione liberale di fornirla*" (**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, 14 ta' Novembru 1972, Numru 3389**);

Dan premess, fuq l-evalwazzjoni taghha tal-provi din il-Qorti taghmel dan ir-ragonament:-

(1) Is-socjeta` attrici adempit l-obbligazzjoni minnha assunta fir-rigward ta' l-i*stand* lilha kommissjonata mill-Consortium esteru. Il-fatt ta' dan il-kompiment ma jidherx li hu disputat;

(2) Ma tqanqal ebda lment serju da parte ta' l-istess Consortium dwar difformita` jew vizzju fix-xoghol esegwit u mitmum. Anzi huwa intwittiv li dan kien accettat bla rizerva. Huwa veru li fil-fax tieghu tal-5 ta' Lulju 2002 ir-rapprezentant tal-Consortium jaghmel accenni ghal xi tindif li jghid li sar malament u ghal xi nuqqas ta' provvediment ta' siggijiet u ta' xi xitla minflok il-mejda. F' dan il-Qorti ma tirravvizax dik il-gravita` tali li teskludi lis-socjeta` attrici mill-konsegwiment debitu tal-hlas dovut lilha. Dan anke ghaliex strettament dak l-ilment ma ghandu ebda riflessjoni serja fuq l-ezattezza tal-prestazzjoni;

(3) Jikkonsegwi minn dawn l-osservazzjonijiet illi l-fatti provati jimmeritaw li jircievu l-effett guridiku aspettat mis-socjeta` attrici.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u b' hekk tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallasha, oltre l-interessi, is-somma ta' elf mitejn u tmienja u ghoxrin Lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1228.20) ghar-ragunijiet miltuba fl-Avviz. L-ispejjez jitbatew mill-konvenut *nomine*, b' dan li l-ispejjez u d-drittijiet tal-kuratur *d' ufficio* jitbatew mis-socjeta` attrici, salv id-dritt ta' regress ghaf-favur ta' l-istess socjeta` attrici li qed jibqa' hawn rizervat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------